# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 7**

**Rikors numru 740/19/1 MH**

**George Baldacchino**

**v.**

**James Cefai u Amanda Cefai**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur George Baldacchino ppreżentat minnu fis-26 ta' Lulju 2019, li permezz tiegħu jingħad:

> "**A. Fatti:**
>
> 1. Illi r-rikorrenti huwa l-proprjetarju tal-fond 21 Canadian Houe, Triq il-Mahznier Luqa. Illi sottostanti ghal fond imsemmi, ir-rikorrenti ghandu *garage* ufficjalment immarkat bin-numru tlieta u ghoxrin (23) fejn huwa

jahzen makkinarju u oggetti ohra ta' merkanzija fosthom *spare parts* tal-vetturi, li huma lkoll relatati man-negozju tieghu.

2. Illi l-intimati James u Amanda kojugi Cefai huma s-sidien tal-garage bin-numru 19 Triq tal-Mahznier Luqa, liema *garage* jinsab adjacenti l-garaxx tal-esponenti. Illi l-*garage* tal-esponenti jinsab madwar erba/hames filati l'isfel mill-*garage* tal-intimati.

3. Illi l-intimati kienu ghamlu xi xoghlijiet fil-*garage* hawn fuq imsemmi, u cioe` l-*garage* bin-numru 19 Triq Tal-Mahznier Luqa, sabiex ibaxxu l-livell tal-imsemmi *garage*. Illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu tal-istess sena u *cioe* s-sena elfejn u hmistax (2015), ammont sostanzjali ta' *drainage* u ilma tax-xita skula minn gos-sistema tad-*drainage* tal-intimati ghal gol-hajt tal-*garage* tal-esponenti. Illi a kawza ta' dan, ammont sostanzjali ta' *parts* u makkinarju li kien mahzun fil-*garage* tal-esponenti gie ddanegat kompletament.

4. Illi l-iskall ta' dan id-*dranage* u ilma huwa unikament imputabbli lill-intimati u dana stante li l-imsemmija xoghlijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti, b'dana illi waqt il-pendenza tax-xoghlijiet li huma ghamlu fil-garage taghhom kkagunaw hsarat fis-sistema tad-dranage. Illi ghandek l-iskall tad-*dranage*. Illi ghandek l-iskall tad-*dranage* kien rizultat tat-traskuragni, negligenza u imprudenza tal-intimati.

5. Illi l-hsarat kkagunati a kawza tal-iskall ta' *dranage* u ilma jammontaw ghas-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija tnejn u sebghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (EUR 23,672.55).

**B. RAGUNIJIET GHAT-TALBIET ATTRICI:**

6. Illi l-intimati minkejja li gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 2647/17 sabiex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni kkagunati lill-makkinarju, oggetti ta' merkanzija fosthom *spare parts* li l-esponenti kellu mizmuma fil-*garage* tieghu, b'rizultat tal-iskular ta' drenagg mill-*garage* bin-numru 19 Triq tal-Mahznier Luqa, liema garaxx jappartjeni lill-intimati, huma baqghu inadempjenti u dana minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

7. Illi l-proceduri odjerni gew intavolati sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-intimati kienu unikament responsabbli ghall-akkadut u konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat ta' l-incident *de quo* occorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

**C. TALBIET:**

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara lill-konvenuti James u Amanda konjugi Cefai unikament responsabbli ghal incident kif premess iktar il-fuq u

tiddikjarahom responsabbli ghall-konsegwenzjali danni sofferi mir-rikorrenti fl-ammont ta’ tlieta u ghoxrin elf, sitt mija tnejn u sebghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (EUR 23,672.55);

2. Tillikwida, okkorrendo bin-nomina ta’ periti nominandi d-danni konsegwenzjali ghall-incident hawn fuq imsemmi, sofferti mir-rikorrenti George Baldacchino li jammontaw ghal tlieta u ghoxrin elf, sitt mija tnejn u sebghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (EUR 23,672.55);

3. Tikkundanna lill-konvenuti James u Amanda konjugi Cefai ihallsu lir-rikorrenti George Baldacchino l-ammont hekk likwidat bhal danni fl-ammont ta’ tlieta u ghoxrin elf, sitt mija tnejn u sebghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (EUR 23,672.55).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 2647/17 u bl-interessi legali mid-data tas-sentenza kontra l-intimati, minn issa ngunti in subizzjoni”.

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti James u Amanda konjuġi Cefai ppreżentata minnhom fit-12 ta’ Settembru, 2019, li permezz tagħha ġie eċċepit is-segwenti:

“1. Preliminarjament l-azzjoni promossa mir-rikorrent attur hija perenta ghat-tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Ċivili – Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta billi dekorrew is-sentejn mid-data meta giet ipprezentata l-ittra ufficjali [Dokument B mar-rikors guramentat] ossija l-25 ta’ Lulju, 2017 sad-data tal-prezentata tal-kawza permezz tar-rikors guramentat odjern ossija s-26 ta’ Lulju, 2019. It-terminu preskrittiv ta’ sentejn seta’ jigi interrot sa nofs il-lejl tal-25 ta’ Lulju, 2019 u ghalhekk fis-26 ta’ Lulju, 2019 it-terminu preskrittiv ta’ sentejn kien ghadda u konsegwentement l-azzjoni ma baqghetx proponibbli ghad illi giet reza perenta.

2. Minghajr pregudizzju ghall-pregudizzjali fuq esposta t-talbiet tar-rikorrent attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghad illi l-hsara reklamata ma’ sehhietx kawza ta’ xi att jew ommissjoni imputabbli lill-intimati.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri”.

3. Rat is-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta’ Ottubru, 2021, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi, filwaqt li laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-

Liġijiet ta' Malta, astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra u ddikjarat l-azzjoni attriċi bħala perenta.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi ftit kienu l-provi lil tressqu lil Qorti in konsiderzzjoni tal-preskrizzjoni in eżami. Fil-fatt tara li meta l-kawza kienet mħollija għal provi minflokk ġiet rinfaċċata b'rikors minn wieħed mill-avukati firmatarji ta' l-attur għad-differiment. Da parti tiegħu l-konvenut għażel li jistrieħ biss fuq l-atti in sostenn ta' l-eċċezzjoni avvanzata.
>
> Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur straħ fuq l-affidavit[1] tiegħu biex issostni t-tezi tar-rinunzja u konsegwenza ta' l-interuzzjoni tat-terminu preskritiv da parti tal-konvenut. Jinsisti lili konvenut b'azzjonitu rrikonoxxa d-dritt ta' l-attur għad-danni. Igħid li xi sena u nofs qabel ma ġara l-inċident, Cefai kienu għamlu xogħolijiet fil-garaxx tagħhom billi baxxew il-livell ta' l-istess garaxx. Dawn kienu xogħolijiet li saru fis-sajf. Igħid li wara l-ewwel maltempati induna li fformat teba fil-ħajt fejn kien għaddej id-drainage tal-garaxx tal-konvenuti. Mall-ewwel kien kellem lil Cefai u qallu b'dan il-fatt. Darba li Cefai kien darba mar jara dan innega responsabilta u telaq.
>
> Żid li fid-29 ta' Awwissu 2015, kien far l-ilma mill-ġol ħajt u kien daħħalu drainage minn naħa ta' Cefai. Jgħid li kien daħħalu ammont kbir ta' ilma u drainage minn ġol ħajt ta' l-istess garage. Il-garaxx tiegħu u ta' Cefai immissu ma xulxin. Il-ħajt li minnu daħħal ilma u d-dranaġġ kien dak kommuni bejnu u bejn Cefai.
>
> Żid li fil-garaxx hu kien iżżomm ammont sostanzjali ta' parts u makkinarju. Bl'influss imsemmi dawn ġew dannegjati kompletament u ta' dan esebixxa diversi riratti[2]. Reġa' kellem lil Cefai li mar fil-garaxx ta' l-attur biex jara l-ħsara allegata, meta daħħal filgaraxx kien hemm *"..xogħol imxarrab u mimli ħmieg ma l-art."* Żid igħid lil konvenut iggennen meta ra dana kollu. Wara li dan l-istess konvenut irritorna lura mis-safar kif kien progettat, kif kien qal lil attur kien fil-fatt irranga s-sistema tad-*drainage* għaliex induna lil ħsarat ġejjien mingħandu. Jgħid l-attur li hu baqa ma ġiex ikkumpensat tal-ħsarat li sofra.
>
> Ikkonferma li hu sofra danni fl-ammont ta' €23, 672.55

[1] Dok GB1 folio 36.
[2] Dok G FOLIO 21 sa Dok G7 FOLIO 28.

L-attur jilqa' għal eċċezzjoni ta' preskrizzjoni billi jressaq ir-rikonoxximent tad-dannu minnu inflitt fuq il-propjeta' ta' l-attur meta ħa l-izbriga li jagħmel it-tiswijiet neċessarji fil-ħajt kommuni bejniethom fis-sistema tad-dranaġġ ; igħid allura li tali rikonoxximent wassal għar-rinunzja tat-terminu preskrittiv.

Kif ingħad fil-kawza fl-ismijiet **Paul u Vincenza konjugi Tabone vs Dominic u Mary konjugi Cutajar.**[3]

> *"Illi kif inghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza flismijiet "**Mary Rose Tabone qabel Stellini vs Silvio Vassallo pro et noe**" (A. C. (PS) – 24 ta' Marzu 2004 -App.Civ.: 618/00/PS):-*
>
> > *"…hu ormai saldament pacifiku illi hekk kif tigi eccepita l-preskrizzjoni, in kwantu din timporta presunzjoni ta' pagament, il-pretiz kreditur jista' jikkumbattiha b'diversi modi. Jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b'xi mezz iehor permess mil-ligi, cjoe, l-inamissibilita` ta' dik il-preskrizzjoni, u l-inapplikabilita` taghha, jew l-interruzzjoni jew is-sospensjoni taghha (Kollez Vol XXVIII pl p93; Vol XXXVII pII p626)".*
>
> *"Illi l-**Artikolu 2133 tal-Kodici Civili** jipprovdi hekk :*
>
> > *"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni bdiet miexja".*
>
> *"Illi dwar dan l-artikolu l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Is-Socjeta' Kummercjali Dominic Department Stores Ltd vs Is-Socjeta' Kummercjali Malta Dairy Products Ltd**" (App.Civ : 150/98 – 30/05/03) qalet is-segwenti :-*
>
> > *"Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Mejju 1952 fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Micallef vs Brigadier John Bell Mc Canee noe jinghad hekk:-*
> >
> > > *"Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista' tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volonta' li jigi rikonoxxut id-dritt; tista' tkun diretta u tacita, b'fatti li fihom infushom immedjatament juru dik il-volonta'; u tista' tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibbli mal-volonta' tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta' prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruhu b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt";*
>
> *"Ma hemmx dubju li, kif jghidu Marcade' u Pont (Spiegaz. Teor. Prat. Cod. Nap., XI P.190, para.179), "…….nel caso di contesa sulla circostanza della ezistenza della ricognizione, **la prova appartiene a colui che la invoca……."** (enfasi ta' din il-Qorti**)***
>
> *"Biex l-attijiet tad-debitur jigu nterpretati bhala rikonoxximent, jehtieg li jkunu univoci…..Il-Baudry-Lacantinerie (Tratt. Teor. Prat. Dto. Civ., pag.393 et seq) jikkontempla diversi kazijiet fejn tidhol il-kwistjoni tar-rikonoxximent, u jghid (ara nota (3) pag.393) illi:- 'Dei semplici colloqui*

[3] 30 ta' April, 2009 Appell Ċivili 622/2003/1.

*tra creditori e debitori non potrebbero evidentemente implicare il riconoscimento del debito".*

*"Illi fis-sentenza "***Ramel u Zrar Limited vs Mixer Limited gja' Planka Limited et***" (P.A. (JRM) – 24 ta' April 2004 - Cit.Nru: 1394/00/JRM) intqal dwar dan l-artikolu:-*

> *"Illi huwa accettat li l-gharfien jista' jkun kemm miftuh kif ukoll prezunt jew indirett, u lanqas huwa mehtieg li tali gharfien ikun dwar il-kwantita` jew il-kreditu kollu pretiz mill-kreditur, peress li dak l-gharfien jista' wkoll jirrigwarda kreditu li ghadu mhux likwidu (P.A. 5/6/1959 fil-kawza fl-ismijiet* **Borg vs Brincat** *[Kollez. Vol. XLIII.ii.744]).*
>
> *Ghalhekk, meta d-debitur ma jichadx id-dejn imma jikkontesta l-ammont tieghu, ikun qieghed jinterrompi u bla ma jrid izomm iz-zmien preskrittiv li jkun beda jghaddi, u dan jghodd ukoll jekk tali gharfien isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni (P.A. PS 24/3/2004 fil-kawza flismijiet* **Tabone vs Vassallo pro et** *u l-ghadd ta' sentenzi hemm imsemmijin fir-rigward).*
>
> *"Illi huwa wkoll risaput li "Id-debitur li jammetti li ghandu jaghti lill-attur, imma ma jirrikonoxxix bhala ezatta ssomma pretiza, jigi li jirrinunzja ghall-preskrizzjoni (***Gialanze vs Rizzo,*** App. (Sede Inferjuri) – 29/01/98)." Dan gie kkonfermat fis-sentenza "***Mary Rose Tabone qabel Stellini vs Silvio Vassallo pro et noe***" (App. Civ: 618/00/PS) moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Marzu 2004".*

*"Illi l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "***Joseph Cassar noe vs Sunny Muscat***" (A.I.C. 28 ta' April 2004 - App. Civ: 1230/97/PS) spjegat:-*

> *"Ghall-precizazzjoni r-rikonoxximent ghall-iskop tal- interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-koezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri, (a) il-volontarjeta'; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocita` u dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont (Kollez Vol XXIX pI p755; Vol XLIII pII p744;* **Victor Calleja noe vs Nazzareno Vassallo et noe***, App, 5/10/1998).*
>
> *Illi fil-kawza "***Joseph Abela vs Francis Cassar noe et***" (A.C. – 14 ta' Jannar 2002 – Citaz.Nru:-1733/92/AM) gie ritenut li:- "Fil-kaz li r-rikonoxximent isir wara li l-preskrizzjoni tkun gja' kompjuta allura dan l-att da parti tad-debitur jgib mieghu rinunzja ghall-istess preskrizzjoni u din bhal fil-kaz ta' interruzzjoni tkun tista' terga' tibda mixja mill-gdid" (Vol. XLVIIII.iii.1428). Gie wkoll ritenut illi "r-rinunzja ghall-preskrizzjoni hija aljenazzjoni favur il-kreditur tad-dritt akkwistat mid-debitur" (***Gargani vs Sant***, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 1873).Fl-iskorta ta' dan l-insenjament gie deciz illi f'kaz fejn it-terminu preskrittiv ikun gja' iddekorra wiehed ma setax jitkellem strettament minn interruzzjoni ta' perjodu preskrittiv imma ta' rinunzja ghall-perjodu preskrittiv gja' akkwistat. Fil-konfront tad-debitur l-effetti prattici jkunu tista' tghid l-istess (Vol. XXXVIII.i.544)".*

Fl-Appell Ċivili fl-ismijiet **Carmela u Theresa konjugi Farrugia vs Andre' u Lucia konjugi Carbonaro** [4] l-Qorti kellha dan xi tgħid dwar il-prinċipji marbuta mar-rikonnoxximent marbut mat-terminu preskrittiv;-

[4] 6 ta' Ottubru, 2004; Appell Ċivili 896/2003/1 per Imħallef Ph Sciberras.

*"Qabel xejn din il-Qorti tara li jkun ferm opportun qabel konsiderazzjoni tal-aggravji partikolari illi, anke bl-ghajnuna ta' gurisprudenza affermata, jigu replikati certi proposizzjonijiet legali in materja ta' preskrizzjoni.*

1. *Skond l-Art 2137 tal-Kodici Civili "il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew talkondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". L-istess Kodici mbaghad jipprovdi b'disposizzjonijiet specjali ohra kif din l-istess preskrizzjoni tista' tigi nterrotta. Inter alia, "b'kull att gudizzjarju" (Art 2128), jew "fejn id-debitur jaghraf il-jedd tal-parti l-ohra" (Art 2133) jew "bi hlas akkont tad-dejn" (Art 2134). Dejjem fl-istess Kodici l-ligi tirrikonoxxi l-fatt tar-rinunzja ghall-preskrizzjoni gja akkwistata (Art 2108 (2)). Markatament, ghalhekk, "il-preskrizzjoni tisfa' interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu u li kontra tieghu tkun bdiet timxi l-preskrizzjoni. Imbaghad, fil-kaz li t-terminu tal-preskrizzjoni jkun diga` ddekorra, ir-rikonoxximent tad-debitu jekwivali ghar-rinunzja ghall-effetti tal-preskrizzjoni" – "**Maria Lourdes Brincat -vs- Giuseppe Brincat et**", Appell Civili, 9 ta' Dicembru 1994.*

2. *Kif preskritt fl-Art 2109 tal-Kodici Civili, "ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew tacita". Fil-kaz tal-ewwel hemm bzonn li din tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci u mhux minn espressjonijiet generici (**Kollez. Vol XXVIII pIII p1154**). Fil-kaz ta' rinunzja tacita jokkorri li l-kondotta tad-debitur tkun insita fil-volonta` inekwivokabbli tieghu li ma jiggjovax ruhu mill-preskrizzjoni kompjuta. Fi kliem iehor, "hemm bzonn li din tirrizulta minn att jew kumpless ta' atti li jissupponu necessarjament fir-rinunzjant l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tieghu" (**Kollez Vol. XXXIV pII p646**).*

3. *Hekk, "ir-rinunzja tacita ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tinghad hlief meta ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut ried hekk" (**Kollez Vol XXIX pI p326**). B'ezemplari, ma tistax tikkonfigura r-rinunzja tacita bis-semplici inerzja tal-parti jew bl-accettazzjoni da parti tad-debitur li jiddiskuti l-meritu tal-pretiza jew it-trattattivi tendenti ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza. Dan ghaliex, kif rikonoxxut, it-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilita` ta' xi ftehim huma dejjem minghajr pregudizzju. Ara "**Joseph Chircop et -vs- Salvatore Muscat noe**", Appell, 28 ta' April 2000 u r-rassenja ta' decizjonijiet kompendjenti fiha.*

4. *L-indagini dwar ir-rinunzja tacita timplika ecessarjament apprezzament ta' fatt. Naturalment l-attur li jissollevaha jehtieglu jiddemostra mhux biss l-ezistenza ta' fatt inkompatibbli mal-volonta` tad-debitur li jivvalora ruhu mill-preskrizzjoni izda wkoll li l-fatt hu derivat minn att spontaneju tad-debitur tieghu (**Kollez. Vol XXXVII pI p307**).*

5. *Certament, kif pacifikament akkolt, jitqiesu nkompatibbli mal-volonta` li ssostni l-preskrizzjoni:-*

(a) *ir-rikonjizzjoni tad-debitu, li jista' jkun prezunt jew indirett, u dippju lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghal kwantita` kollha u jista' wkoll jirrigwarda kreditu illikwidu (**Kollez. Vol XLIII pII p744**). Dak li hu mportanti hu li tali rikonoxximent ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol XXXVIII pIII p723**).*

(b) *Il-pagament akkont (**Kollez Vol XLIII pII p684**; **Vol XXIX pI p755**) jew il-weghda tal-hlas b'rati; (c) Meta d-debitur jesprimi ruhu fis-sens li ma ghandux jaghti daqs kemm gie mitlub jew ikun ivvanta l-kompensazzjoni ("**Raymond Vella -vs- Moby Rentals Ltd**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru 2001).*

*F'sitwazzjonijiet konsimili jitqies principju validu li ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni ghax ikun ifisser li b'att spontaneju tieghu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza d-debitur ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni (**Kollez. Vol XXXVII pI p310**)."*

Fis sentenza **Abdilla vs Crockford** deċiża 26.06.09 ingħad dan dwar is-suġġett in tematika:-

*"Din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li tesprimi ruhha dwar dan il-punt fil-kawza fl-ismijiet **Lorry sive Lawrence Cuschieri v L-Onorevoli Ministru tal-Ambjent et.**, deciza fit-22 ta' Frar 2005. Hemm intqal inter alia li gej:*

*"Fuq dan il-punt jidher li kien hemm xi ftit ta' konflitt fil-gurisprudenza, pero` fis-sentenza **Giuseppe Schembri v. Giuseppe Chircop** deciza fl-14 ta' Jannar 1955 (Vol. XXXIX-1-54), il-Qorti tal-Appell irriteniet illi fis-sistema legali Maltija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija kompatibbli ma' l-eccezzjoni tal-inezistenza totali tad-debitu. Il-Qorti tal-Appell irriteniet illi: "(Il)-gurisprudenza taghna l-aktar ricenti (Kollez. Vol. XXVIII-I-2971; Vol. XXX-I-9762; Vol. XXXII-I-9613 u Vol. XXXIV-I-3294) ma ghadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi, bhal dik in ezami, huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament, ghaliex il-gurament li l-eccipjent jigi msejjah jiehu mhux dak li hu hallas, izda li mhux debitur, u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibili ma' eccezzjonijiet ohra li jwasslu ghall-konsegwenza li l-eccipjent mhux debitur." (ara wkoll fl-istess sens **Alex Caruana v. Joseph Vassallo** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Dicembru 1978)."*

Ingħad fid-deċizjoni ***Martin Mizzi vs Joseph Camilleri*** App Civili 1590/1998/1 datata 20 ta' Ottubru, 2004 :-

*"Jibda biex jigi osservat in tema ta' principju fuq is-suggett tar-rikonoxximent ta' kull debitu illi dan irid ikun car u esplicitu u li ghalhekk "gli atti dai quali si pretendesse desumere la intenzione di rinunziare alla prescrizione siano tali da far necessariamente supporre l'abbandono del diritto acquisito … …" (**Kollez Vol XXV pII p184**). Gja qabel din id-decizjoni kien gie rimarkat illi "la rinunzia non si presume e dev'essere concludentemente provato; se e` tacito, deve sorgere da un fatto chiaro ed evidente, che include necessariamente la intenzione di rinunziare, e che non possa prestarsi ad altra interpretazione, o ingenerare qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante" (**Kollez Vol XVI pI 90**).*

*Fid-dawl ta' dawn l-enuncjazzjonijiet din il-Qorti ma tistax ragonevolment tikkondividi l-fehma tal-ewwel qorti illi d-diskussjonijiet u l-inkontri li ghalihom saret riferenza f'dan il-kaz kienu tali li jintegraw fihom ir-rikonoxximent tad-debitu jew rinunzja ghall-preskrizzjoni sollevata jew xi virtu interruttiva ghall-istess preskrizzjoni.*

*Din il-Qorti tkompli ssahhah din l-opinjoni taghha fuq l-osservanza u l-bazi tal-insenjamenti traccjati fil-gurisprudenza taghha:-*

> *(1) Gja fis-sentenza fuq citata a **Vol XXV pII p184** kien inghad illi l-abbandun tad-dritt akkwizit "non si potrebbe desumere da profferte conciliative o da trattive … …"*
>
> *(2) "L-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma ghandhomx l-effikacja ta' rikonoxximent tad-dejn, ghaliex proposti simili jsiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti" (**Kollez. Vol XXXIV pI p326**).*
>
> *(3) "In-negozjati jew trattivi li jsiru bejn iz-zewg kontraenti waqt id-dekors taz-zmien biex jirrangaw jew jirrizolvu l-kwestjoni ma jistghax ikollhom effikacja interruttiva … …" (**Kollez Vol XXXVIII pIII p723**).*
>
> *(4) "Wiehed ma jkunx qed jammetti d-debitu tieghu jekk huwa jghid jew juri li huwa lest li jelimina l-kwistjonijiet reciproci b'xi transazzjoni jew b'mod bonarju. Huwa notorju li t-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilita` ta' xi ftehim huma dejjem minghajr pregudizzju" – "**Giovanna Mifsud noe et -vs- Rosaria Felice Gay**", Prim'Awla, 5 ta' Ottubru 1972; "**Silvio Frendo et -vs- Andrew Faenza**", Appell, Sede Inferjuri, 2 ta' Gunju 2000)."*

Imbgħad fis-sentenza fl-ismijiet **Paul u Vincenza konjugi Tabone v. Dominic u Mary konjugi CutajarAustin Psaila vs Lother Slabick** App Inferjuri 544/2003/1 deciza 9.02.05 ingħad li ;

*"Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts.*

*Kif jirrzulta dawn huma sentenzi li kollha jittrattaw dwar rikonnoximent ta' debitu u li tali rikonoxximent fih innifsu u fin-natura tieghu jgib mieghu l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-fatt insibu li darba li dejn ikun ikkontestat in kwantu mhux dovut, tali kontestazzjoni ma tista qatt sservi biex tinterrrompi jew ta' rinunzzja ghal preskrizzjoni. Dan jirrizulta kif spjegat mis-sentenzi hawn fuq citati mill-artikolu 3160 tal-kap 12 in kwantu allura id-debitur impost fuqu il-grament decisorju jigi jekk jirrispondi lid-cejn skontu mhux dovut qieghed jinterompi q dritt li jmur a favur tieghu. Mod iehor pero jekk id-debitur jiggieled il-kreditu biilli jikkontesta ll-ammont dovut in kwantu ghal capital jew imghax tieghu. Il-mument li jressaq l-ammont in kontestazzjoni, jidher u dana huwa logiku li huwa jkun qieghed jirrinunzzja ghal eccezzjoni ta' preskrizzjoni*

*in kwantu tali kontestazzjoni fiha nifisha tirrikonnoxxi d-dovut imma tikkontesarha fl-ammont."*

L-attur jressaq bħala prova tar-rinunzja tal-preskrizzjoni l-fatt li x'imkien wara d-data tad-29 ta' Awwissu, 2015 il-konvenut wara li kien ra l-ħsara kkagunata mill-perkolazzjoni li ġrat fid-data msemmija u wara li kien irritorna mis-safar kien minn jeddu rranga s-sistema tad-*drainage* minn naħa tal-garaxx tiegħu. Senjatament l-attur ma jressaqx id-data meta suppost okkorra dan u jħalli lil Qorti fid-dlam dwar dan il-fatt. Taf il-Qorti li fil-25 ta' Lulju, 2017, ġiet presentata ittra uffiċjali intiża biex tinterrompi l-preskrizzjoni. La l-Qorti m' għandix data oħra fuq xiex timxi, u kien jinkombi fuq l-attur li jiprovdilha din, se tibqa fuq dak li hu pruvat lilha.

Da parti tiegħu l-konvenut li mkien ma jagħraf li hu rrinuzja għaż-żmien preskrittiv, ukoll ma ressaq ebda prova biex jirribatti l-allegazzjoni li hu fil-fatt għażel din it-triq. A kontrarju jressaq dan iż-żmien favorih biex jilqa għat-talbiet attriċi tad-danni. Għalhekk zġur ma jistax jingħad illi r-rikonoxximent ta' dak dovut lil attur da parti tal-konvenut kien wieħed **espliċitu**. Fuq skorta tal-ġurisprudeza ċitata il-Qorti trid tezamina jekk il-komportament tal-konvenut b'mod taċitu hux kontradittorju għaż-żmien preskrittiv li hu jvanta biex joqtol l-azzjoni attriċi. Fi kliem ieħor jekk il-fatt li hu irranga is-sistema tad-dranaġġ da parti tan-naħa tal-garaxx tiegħu wassalx biex hu jirrinunzja għaż-żmien preskrittiv li ddekorra. Hija l-opinjoni ferma tal-Qorti li dan fil-fatt ma okkorrix. Minn mkien ma hemm prova lil konvenut kellu l-ħsieb jew intenzjoni biex b'għemilu jirrinunzja għal kull żmien preskrittiv. Il-fatt lil konvenut sewwa is-sistema msemmija ma jwassalx għal konklussjoni logika, impellenti u inekwivoka li hu kien qiegħed jassumi responsabilta' tal-ħsarat inkorsi. Kien ikun mod ieħor kieku argumenta fuq l-ammonti dovuti *qua* danni *per via* ta' ezemplari. L-attur kellu kull oprtunita' jressaq din il-prova. Agħzel li ma jieħux din it-triq. Konsegwentement ma tqies illi saret ir-rinunzja li jvanta fil-konfont taż-żmien preskrittiv.

Da parti tiegħu il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni bjennali ta' sentejn ai terminu ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Ingħad dwar hekk fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Mario Pace vs Corinthia Palace Hotel Company Limited et deċiż fit-13 ta' Ġunju 2013**[5] illi-

*"Hu ribadit fil-ġurisprudenza tagħna li għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-art.2154(1) tal-Kap.16); (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk imsejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u (c) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin;*

[5] Cit 353/05.

*Hu għalhekk paċifiku li illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Artikolu 2153, tal-Kodiċi Ċivili tikkolpixxi "l' azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" (Kollez. Vol. XXVIII P I p 726)."*

Dwar il-mument li fih l-azzjoni odjerna setgħet tiskatta din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk fil-kaz **Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd deċiż fit-28 t'April 2016**[6] **-**

*"L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

> *"Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li "actio non natae non praescribititur"*[7] *(Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*
>
> *Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta għall-impossibilita` li jaġixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq ċitat fis-sens li t-terminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa" jirreferu għall-kawżi ġuridiċi li jistgħu ikunu ta' xkiel għall-azzjoni u mhux għal kawżi purament fattwali, per eżempju, għal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soġġettiv diment li dawn ma jqegħduhx fl-impossibilita` li jaġixxi."*

L-attur innifsu jispeċifika d-dati meta beda d-dannu lamentat. Jgħid li ġia qabel l-ingress il-qawwi li ħalla devastazzjoni kif muri fir-ritratti esebitti, kien ġia nnota tbajja ġol hajt kommuni. Imbagħad jagħti d-data speċifika tad-**29 ta' Awwissu, 2015** meta d-dannu kien issa *ultra che* evidenti għax ikkaguna l-ħsarat li tagħhom jippretendi pagament. Minn hawn l'hemm huwa ħa ħsieb li jipresenta ittra uffiċjali n terminu ta' sentejn fil-**25 ta' Lulju, 2017**, bil-ħsieb ta' interuzzjoni tat-terminu msemmi. **L-ittra uffiċjali ġiet notifikata lil konjugi Cefai bil-posta registrata fl-1 ta' Settembru, 2017**[8]**.** Il-kawza odjerna ġiet intavoltata fis-26 ta' Lulju, 2019, allura sentejn u ġurnata wara l-ittra uffiċjali.

F'dan l-istadju jkun opportun lil Qorti tagħmel referenza għal varji artikoli tal-Liġi applikabbli għal kaz in eżami.

L-artikolu 2139 tal-Kap 16 jaqra illi:

*"(1) Il-preskrizzjoni tagħlaq minnufih li jgħaddi l-aħħar jum taż-żmien meħtieg għall-preskrizzjoni.*

---

[6] Rik Gur 1051/2007.

[7] **John Grech vs Ivan Mifsud et** P.A. deciza fl-1 ta' April 2003.

[8] Folio 12 tergo.

*(2) iżda, jekk l-aħħar jum ikun is-Sibt jew btala pubblika, il-preskrizzjoni tagħlaq malli jgħaddi l-ewwel jum ta' wara li ma jkunx Sibt jew btala pubblika."*

L-artikolu 2138 tal-Kap 16 jgħid:

*"(1) Il-preskrizzjoni titqies bi ġranet sħaħ u mhux bis-siegħat.*

*(2) Il-ġranet huma kontinwi: ix-xhur jitqiesu skond il-kalendarju."*

L-artikolu 2128 tal-Kap 16 li jgħid:

*"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b' kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar li s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom."*

L-Artikolu 890 tal-Kap 16 igħid *"Il-protest jew l-ittra uffiċjali jibdew iseħħu minn dak in-nhar tan-notifika."*

L-Art 891*: "(1) Iżda, meta l-protest jew l-ittra uffiċjali jkunu magħmula biex jiksru ż-żmien tal-preskrizzjoni, huma jibdew iseħħu mill-ġurnata tal-preżentata, basta li jekk innotifika ma ssirx fi żmien it-tmint ijiem ta' wara, il-parti li tkun ippreżentat il-protest jew l-ittra uffiċjali tagħmel ir-rikors għall-ħrug fil-Gazzetta tal-Gvern ta' avviz, iffirmat mir-registratur, li jkun fih miġjuba s-sustanza ta' dak l-att, u li dak l-avviz jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi żmien xahar li jibda jgħoddu mill-ġurnata tal-preżentata ta' l-att."*

U fl-aħħar dak li jgħidu l-artikolu 101 u 102 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta rispettivament:-

*"Iż-żmien legali jew ġudizzjarju, illi l-mixi tiegħu jiddependi minn att li għandu jkun innotifikat jew ippubblikat, jibda miexi minn dak in-nhar li fih l-att jiġi regolarment innotifikat jew ippublikat."*

u

*"Meta ż-żmien legali jew ġudizzjarju għandu jibda jgħodd minn ġurnata stabbilita dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħla f'dak iż-żmien; u meta ż-żmien jingħadd bis-sigħat, ma tingħaddx bħala mdaħħla s-siegħa li fiha ssir in-notifika"*

L-argument mressaq mill-konvenut fin-nota ta' sottomisjonijiet tiegħu huwa wieħed marbut mal-mod kif inhu kkomputat it-terminu intiż biex jestingwi azzjoni kif ċitat fl-aħħar artikolu.

It-tezi tal-konvenut hija lli l-azzjoni hija preskritta n kwantu mid-data tad-**29 ta' Awwissu, 2015,** meta ġie kkagunat d-dannu l-attur segwa bl-ittra uffiċjali datata **25 ta' Lulju, 2017, interminu** tas-sentejn maħsuba fl-artikolu applikabbli 2153 tal-Kap 16**,** imbagħad presenta l-kawza odjerna fis-**26 ta' Lulju, 2019**. Esposti dawn id-dati u n sostenn tal-

> mod kif jiġi komputat u mgħodd t-terminu preskrittiv l-konvenut għandu ragun lil-kawza ġiet fil-fatt presentata **ġurnata tard** bil-konsegwenza li l-azzjoni ġiet reza perenta.
>
> Pero l-Qorti tara l-problema tmur oltre minn hekk minħaba kwistjoni tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali li ġiet presentata fil-**25 ta' Lulju, 2017**. Din ma ġietx notifikata n terminu tat-tmint' ijiem li trid il-liġi għal fini ta' interuzzjoni ta' preskrizzjoni. Fil-fatt kif jidher mir-riferti n-notifika bil-posta saret fl-**1 ta' Settembru, 2017** u dan dejjem b'referenza għad-danni li okkorrew kif ingħad **fid-29 ta' Awwissu, 2015**. Frankament kien jinkombi fuq l-attur isegwi l-preċett ta' **l-artikolu 891** imsemmi u jġib prova ta' l-istess.
>
> Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal dak li ntqal fir-rigward ta' l-argument appena espost fid-deċiżjonijiet fl-ismijiet **Vincent Borg vs Jacqueline Bajjada kemm dik tal-Prim'Istanza ukoll ta' l-Appell Ċivili[9]".**

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur George Baldacchino tat-12 ta' Novembru, 2021, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Ottubru, 2021 fl-ismijiet premessi u dan billi tilqa' l-appell tiegħu u tiddikjara nulla r-risposta ġuramentata tal-appellati u kwindi tilqa' t-talbiet kollha kif kontenuti fir-rikors ġuramentat tiegħu. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu a karigu tal-istess konvenuti llum appellati.

6. Rat li minkejja li l-konvenuti konjuġi Cefai ġew notifikati bir-rikors tal-appell, huma baqgħu ma ressqu l-ebda risposta.

7. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu reċentement permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-

[9] Ċitaż. Nru. 1377/2003; deċiża 12/01/2005 u Appell Ċivili Numru1377/2003/1 deċiż 6/7/2007.

sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

9. Illi din il-kawża hija essenzjalment waħda ta' danni fejn l-attur qiegħed jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' €23,672.55 rappreżentanti ħsara fil-makkinarju u oġġetti ta' merkanzija fosthom *spare parts,* wara perkolazzjoni ta' ilma u dranaġġ fil-garaxx Numru 23, Triq il-Maħznier, Luqa, fejn kienu maħżuna. Dan il-garaxx proprjeta` tal-attur jinsab biswit il-fond numru 19, Triq il-Maħznier, Luqa, proprjeta` tal-konvenuti, u l-imsemmija ħsara seħħet wara li l-konvenuti wettqu xi xogħlijiet fil-garaxx tagħhom. Kwindi l-attur jitlob li l-konvenuti konjuġi Cefai jiġu dikjarati responsabbli għad-danni sofferti minnu fl-ammont ta' €23,672.55; li jiġu likwidati d-danni fl-ammont ta' €23,672.55 u li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu l-imsemmija danni. Bl-ispejjeż u bl-interessi legali.

10. Il-konvenuti appellati wieġbu li l-azzjoni attriċi hija preskritta għall-finijiet tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili u li fi kwalunkwe każ, it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-ħsara reklamata ma sseħħitx kawża ta' xi att jew ommissjoni da parti tal-konvenuti.

11. L-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni u ddikjarat l-azzjoni attriċi bħala perenta.

12. L-attur ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. L-appell tal-attur jissejjes fuq tliet aggravji prinċipali:

(i) li l-ewwel Qorti ma ħaditx konjizzjoni tal-fatti u l-atti kollha li ġew ippreżentati quddiemha u għaddiet sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti mingħajr ma ħadet konjizzjoni tal-fatt fundamentali li r-risposta ġuramentata ma tissodisfax ir-rekwiżiti mitluba *ad validatem* a tenur tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li għandu jinqara wkoll fid-dawl tal-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12;

(ii) illi l-ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tar-rikors intavolat minnu nhar it-12 ta' Awwissu, 2020, fejn issolleva l-punt li r-risposta ġuramentata hija nulla, liema rikors kien imwieġeb mill-konvenuti, iżda

li l-ewwel Qorti naqset milli tagħti digriet fuqu, filwaqt li għaddiet għad-deċiżjoni finali tagħha mingħajr ma ddeċidiet jekk ir-risposta ġuramentata kellhiex tiġi sfilzata u dan bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

(iii) l-aħħar aggravju tal-attur jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti lanqas ħadet konjizzjoni tal-fatt li l-perjodu preskrittiv ta' sentejn kien ġie rinunzjat mill-konvenuti meta l-attur mar jirranġa l-ħsarat li ġew ikkaġunati lilu peress li nduna li l-ħsarat kienu ġejjin mingħandhom. Dan apparti li l-attur appellant isostni li l-kawża mhix perenta skont l-Artikoli 101 u 102 tal-Kap. 12 (Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) dwar kif jimxu ż-żminijiet legali jew ġudizzjarji, *stante* li nfetħet fl-aħħar jum tal-perjodu ta' sentejn u ma ġietx ippreżentata tard kif isostnu l-appellati, kwindi din il-Qorti għandha tilqa' wkoll dan l-aħħar aggravju.

13. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju tal-attur appellant. Huwa minnu li l-ewwel Qorti minkejja li għamlet referenza għall-argument imqanqal mill-attur dwar in-nullita` tar-risposta ġuramentata (ara fol.82), għażlet li tgħaddi mal-ewwel għall-eżami tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Madankollu, dan ma jfissirx li l-ewwel Qorti ma ħaditx konjizzjoni tal-fatti u l-atti kollha li ġew ippreżentati quddiemha. In kwantu għall-argument tal-attur appellant li r-risposta

ġuramentata ma tissodisfax ir-rekwiżiti mitluba *ad validitatem* a tenur tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li għandu jinqara wkoll fid-dawl tal-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12, jibda billi jingħad li ma hemm l-ebda kontestazzjoni għall-fatt li r-risposta ġuramentata ma kinitx tinkludi dikjarazzjoni ġuramentata mal-att tar-risposta nnifisha. Il-punt li jeħtieġ li jiġi mistħarreġ huwa jekk il-fatt li tressqet ir-risposta ġuramentata mingħajr id-dikjarazzjoni maħlufa tiswiex jew tagħmilhiex nulla.

14. Il-provvediment tal-liġi nvokat mill-attur appellant huwa l-Artikolu 158 (3)(c) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdi hekk:

> "...*għandu jippreżenta risposta ġuramentata li jkun fiha:*
>
> *(a) dawk l-eċċezzjonijiet li jitqiesu rinunzjati jekk ma jinġiebux fil-bidu tad-difiża;*
>
> *(b) stqarrija ċara u korretta tal-eċċezzjonijiet fuq il-mertu tat-talba jew tat-talbiet mingħajr riferenza għal awtoritajiet;*
>
> *(c) il-konvenut, jew wieħed mill-konvenuti jekk ikun hemm aktar minn wieħed, għandu wkoll jiddikjara bil-ġurament fir-risposta ġuramentata b'paragrafi numerati, il-fatti kollha dwar it-talba, fejn jiċħad, jammetti jew jispjega ċ-ċirkostanzi tal-fatti murija fid-dikjarazzjoni tal-attur, filwaqt li jiddikjara liema fatti huwa jaf bihom personalment.*" (sottolinjar ta' din il-Qorti)

Dan il-provvediment tal-liġi għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 789(1) tal-Kap.12 fejn hemm provdut dwar meta att ġudizzjarju jista' jiġi dikjarat null:

> "*789. (1) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' l-atti ġudizzjarji tista' tingħata:*

*(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-liġi espressament;*

*(b) jekk l-att jinħareġ minn Qorti mhux kompetenti;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort' oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:*

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispozizzjoni oħra tal-liġi.*

*(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità".*

Għalkemm l-attur appellant ma jindikax taħt liema subinċiż qiegħed jinvoka n-nullita` tar-risposta ġuramentata, huwa mifhum li l-ilment odjern jista' jaqa' biss fil-parametri tas-subinċiżi (c) u/jew (d) hawn fuq ċitati u għalhekk għandu japplika l-*proviso* għall-Artikolu 789(1). Permezz ta' dan il-*proviso*, m'hemmx dubju li l-leġiżlatur qiegħed jagħmel referenza għall-Artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 175(1) tal-Kap.12 jipprovdi hekk:

*"175. (1) Il-qorti tista`, f`kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta` waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta` xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta` waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta` fatt jew ta` dritt ukoll permezz ta` nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża."* (sottolinjar ta' din il-Qorti).

15. Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Frar, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **J&C Pisani Limited v. Nicholsons the Supermarket Limited et,** li kienet titratta każ simili, fejn iżda n-nuqqas li tiġi nkluża d-dikjarazzjoni ġuramentata kienet mal-att taċ-ċitazzjoni u mhux man-nota tal-eċċezzjonijiet ingħad is-segwenti:

> *"... kif ingħad f'għadd ta' deċizjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[10];*
>
> *Illi m'hemmx dubju li att taċ-Ċitazzjoni mressaq mingħajr ma jkun hemm mehmuża miegħu dikjarazzjoni maħlufa li hija espressament mitluba mil-liġi huwa att null fil-forma....*
>
> *…huwa prinċipju wkoll li, fi kwestjonijiet ta' forma tal-att, għandha tapplika l-massima ut magis res valeat quam pereat, u għalhekk, fejn jista' l-att li bih tinġieb 'il quddiem kawża (u, għalhekk b'konsegwenza t'hekk, il-kawża nnifisha) għandu jiġi salvat jekk kemm-il darba biex tagħmel dan ma tiksirx xi vot espress tal-liġi[11];*
>
> *Illi bħala kriterju ta' meta n-nullita' ta' att ġudizzjarju hija s-sanzjoni applikabbli għal att li jkun nieqes mill-validita', il-Qorti taqbel ma' dik il-linja ta' deċiżjonijiet tal-qrati tagħna li tgħid li biex is-soluzzjoni tan-nullita' ta' att tiġi applikata jeħtieġ li jirrikorru l-elementi tal-inevitabilita' tan-nullita' li ma tistax tiġi injorata mingħajr ma toħloq preġudizzju gravi għall-parti li lilha jkun indirizzat dak l-att[12];*
>
> *Illi hija daqstant siewja u f'lokha dik il-bixra ta' deċiżjonijiet li tqis li filwaqt li l-formaliżmu fl-atti tal-qorti għandu jitnaqqas għal dak li huwa tassew meħtieġ, fejn hemm liġi li hija ċara u espressa dawn il-formalitajiet m'għandhomx jiġu mwarrba għal xejn b'xejn u bla konsegwenzi[13];*

---

[10] *Ara, per eżempju, P.A. CS 4.11.1988 fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*
[11] *Ara App. 4.12.1998 fil-kawża fl-ismijiet A. Portelli vs Dr. R. Farruġia (Kollez. Vol: LXXXII.ii.1307)*
[12] *App. Ċiv.: 14.11.1994 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Borġ et vs Alice Grech et (Kollez. Vol: LXXVIII.ii.368)*
[13] *Ara, per eżempju, App.: 31.5.1996 fil-kawża fl-ismijiet Saviour Falzon v. Chairman Awtorita' tal-Ippjanar noe.*

*Illi, mal-medda tas-snin, issawret it-tejorija magħrufa bħala "tal-ekwipollenti" li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa l-ebda għamla tassativa ta' forma għall-proposizzjoni ta' azzjoni[14], b'mod li Ċitazzjoni għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet gravi[15];*

*Illi jrid jingħad ukoll li fil-każ ta' nullita' fejn hemm ksur tal-forma meħtieġa, il-liġi tipprovdi[16] li din l-eċċezzjoni tintlaqa' fejn, għalkemm il-ksur ma jkunx taħt piena ta' nullita', ikun ġab lill-parti li ressqet l-eċċezzjoni preġudizzju li ma jistax jitneħħa jekk mhux billi l-att jiġi annullat;*

*Illi jkun sewwa li jingħad li meta saru l-aħħar bidliet fl-artikolu 798 tal-Kap 12, l-iżjed bidla siewja li saret kienet fiż-żieda tal-proviso għall-ewwel sub-artikolu tiegħu. Hemmhekk, għall-ewwel darba, jingħad li l-eċċezzjoni tan-nullita' imressqa taħt xi waħda mit-tliet ċirkostanzi maħsubin taħt il-paragrafi (a), (ċ) jew (d) ta' dak is-subartikolu (sewwasew bħal fil-każ taħt eżami) ma tkunx tista' tingħata jekk in-nuqqas jew ksur jista' jissewwa taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi;*

*Illi l-bidliet li l-liġi tħalli li jsiru huma jew dawk li jikkonsistu fil-bidla ta' att ġudizzjarju b'ieħor, jew inkella f'bidliet f'att ġudizzjarju li diġa' tressaq. Il-kwestjoni li tqum hija jekk in-nuqqas ta' att jew parti minnu jistax jimtela b'att sostituttiv. Il-Qorti hija tal-fehma li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175 tal-kap 12 jippermettu wisgħa kbira ta' bidliet li jistgħu jsiru fl-atti ġudizzjarji mressqa, sakemm dawn il-bidliet ma jolqtux in-natura tal-azzjoni, jew l-eċċezzjonijiet fil-mertu, jew sakemm il-bidla ma tkunx qegħda tittanta biex iġġib fis-seħħ att ġudizzjarju li ma kienx jeżisti[17]";*

16. Filwaqt li din il-Qorti tħaddan l-insenjamenti hawn appena ċitati u tqishom applikabbli wkoll fil-każ in eżami, għalkemm fil-każ odjern l-ilment sollevat mill-attur jitratta n-nuqqas tad-dikjarazzjoni maħlufa mar-risposta ġuramentata, il-prinċipji jibqgħu l-istess. Din il-Qorti ma taqbilx mal-pożizzjoni adottata mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Ġunju, 2015, fil-kawża fl-ismijiet **Philip Camilleri et v. Mary Rose Attard** ċitata mill-attur appellant, fejn ir-risposta ġuramentata f'każ simili ġiet dikjarata nulla

[14] *P.A. : 9.3.1965 fil-kawża fl-ismijiet M. Muscat noe v. Dr. J. Cassar et noe. (Kollez. Vol: XLIX.ii.809) u s-sentenzi hemm imsemmija.*
[15] *App. Ċiv.: 20.2.1935 fil-kawża fl-ismijiet R. Merola pro et v. S. Caruso (Kollez. Vol: XXIX.i.106)*
[16] *Art. 789(1)(ċ).*
[17] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-9.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet Dr. Harry Vassallo noe v. Il-Prim Ministru et.

u bla effett, tant li l-intimata f'dawk il-proċeduri ġiet saħansitra konsegwentement iddikjarata kontumaċi. Din il-Qorti tqis tali deċiżjoni drakonjana, fid-dawl tal-fatt li n-nuqqas riskontrat dwar ir-risposta ġuramentata jista' faċilment jiġi sanat permezz ta' korrezzjoni skont kif jipprovdi l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 hawn qabel ċitat. Wara kollox, b'daqshekk la ser tinbidel in-natura tal-eċċezzjonijiet fil-mertu u lanqas ma jirriżulta li l-attur f'din il-kawża ressaq prova ta' xi preġudizzju li seta' sofra minħabba dan in-nuqqas tal-konvenuti u l-istess provvediment invokat mill-attur jagħti lil wieħed x'jifhem li l-pretensjoni ta' nullita` m'għandhiex tintlaqa' jekk tali preġudizzju ma jirriżultax.

17. Punt ieħor validu mqanqal mill-konvenuti fir-risposta tagħhom għar-rikors tal-attur tat-12 ta' Awwissu, 2020, huwa li jirriżulta dubjuż ukoll kemm l-ilment tal-attur jista' jirnexxi, konsidrat il-fatt li wara li huma ressqu r-risposta ġuramentata tagħhom, l-attur ressaq affidavit, ingħalaq il-ġbir tal-provi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-attur ippreżenta wkoll in-nota ta' sottomissjonijiet meta ressaq l-ilment tiegħu. Kwindi l-attur appellant baqa' jagħmel atti oħra minkejja li kien hemm dan in-nuqqas, mingħajr ma ressaq l-eċċezzjoni tan-nullita` (Artikoli 789(2) tal-Kap. 12) fi stadju bikri tal-proċeduri kif kien xieraq. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-10 ta' April, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Nikolina Bugeja v. Pawla Vella et**). Isegwi li l-ewwel aggravju tal-attur ma jimmeritax li jintlaqa'.

18. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju tal-attur appellant, dak li l-ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tar-rikors intavolat minnu nhar it-12 ta' Awwissu, 2020, fejn issolleva l-punt li r-risposta ġuramentata hija nulla, liema rikors kien imwieġeb mill-konvenuti, iżda li l-ewwel Qorti naqset milli tagħti digriet fuqu, filwaqt li għaddiet għad-deċiżjoni finali tagħha mingħajr ma ddeċidiet jekk ir-risposta ġuramentata kellhiex tiġi sfilzata. Jilmenta li lanqas saret referenza għall-imsemmi rikors fis-sentenza appellata, kwindi jeżisti d-dubju jekk dan ir-rikors ġiex skartat bi svista jew deliberatament. B'hekk l-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti ppreġudikat serjament il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, peress li jekk ir-risposta ġuramentata hija nulla, allura l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tistrieħ fuq l-eċċezzjoni preliminari fl-imsemmija risposta. Dan apparti li jingħad li nkiser id-dritt tal-attur tal-prinċipju *audi alteram partem,* fejn għalkemm il-partijiet ingħataw l-opportunita` li jippreżentaw il-verżjoni tagħhom, il-Qorti m'attribwietx l-istess importanza, anzi naqset totalment milli teżamina n-nullita` mqajma minnu.

19. Fil-verita` dan l-aggravju jorbot sewwa sew mal-ewwel aggravju appena kkonsidrat. Kif osservat qabel, l-ewwel Qorti kienet ben konxja mir-rikors imressaq mill-attur appellant dwar in-nullita` tar-risposta ġuramentata, madankollu għażlet li tipproċedi billi tqis mill-ewwel l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Jista' jingħad li kien ikun aktar xieraq li l-

ewwel Qorti tindirizza r-rikors imressaq mill-attur sabiex jiġu ndirizzati l-punti sollevati mill-istess attur, konsidrat li kien qiegħed saħansitra jqanqal nullita` tal-atti. Madankollu, il-fatt li l-ewwel Qorti ma ddegretatx dak ir-rikors u għaddiet mal-ewwel għat-trattazzjoni tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kellu jittieħed li l-ewwel Qorti għalkemm mhux espressament, kienet qiegħda taċitament tiċħad it-talba kontenuta fl-istess rikors. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tad-19 ta' Mejju, 2004, fil-kawża fl-ismijiet **Edwige Camilleri v. Gaetano Debattista et).** Wara kollox, minkejja li l-istess rikors ġie trattat estensivament fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fl-ewwel aggravju, l-eżitu aħħari tiegħu bbażat fuq il-prinċipji legali u ġurisprudenzjali hawn qabel spjegati, ma kien ser ibiddel xejn mill-fatt li l-ewwel Qorti għaddiet mill-ewwel sabiex titratta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kif ser tagħmel issa din il-Qorti fil-konsiderazzjoni tat-tielet aggravju.

20. L-aħħar aggravju tal-attur jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti lanqas ħadet konjizzjoni tal-fatt li l-perjodu preskrittiv ta' sentejn kien ġie rinunzjat mill-konvenuti meta rranġaw il-ħsarat li ġew ikkaġunati lill-attur peress li ndunaw li l-ħsarat kienu ġejjin mingħandhom. Filwaqt li l-attur ma jikkontestax l-applikabbilita` tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, jinsisti li d-data meta effettivament saret il-ħsara kien fid-29 ta' Awwissu, 2015, meta far l-ilma ġol-ħajt u daħallu d-dranaġġ min-naħa tal-proprjeta` tal-konvenuti. Kwindi jsostni li l-ittra uffiċjali ntavolata minnu fil-25 ta' Lulju,

2017, interrompiet il-perjodu preskrittiv. *Inoltre*, ġaladarba l-konvenut wettaq ix-xogħlijiet rimedjali wara dik id-data, huwa f'dak il-mument irrinunzja għall-preskrizzjoni u għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenuti mhix waħda sostenibbli. L-attur jilmenta li lanqas jaqbel mal-mod kif l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-azzjoni attriċi hija perenta meta qieset li laħaq għadda t-terminu preskrittiv ta' sentejn bejn l-ewwel ittra uffiċjali tal-25 ta' Lulju, 2017 u r-rikors promotur tas-26 ta' Lulju, 2019. L-appellant f'dan ir-rigward jagħmel referenza għall-Artikoli 101 u 102 tal-Kap. 12 dwar kif jimxu ż-żminijiet legali jew ġudizzjarji, sabiex isostni li t-terminu preskrittiv kien jagħlaq proprju fis-26 ta' Lulju, 2019, data li fiha ġiet ippreżentata l-kawża odjerna. Għalhekk isostni li l-kawża mhix perenta *stante* li nfetħet fl-aħħar jum tal-perjodu ta' sentejn u ma ġietx ippreżentata tard kif isostnu l-appellati, kwindi din il-Qorit għandha tilqa' wkoll dan l-aħħar aggravju.

21. Għandu jingħad li għal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju tal-attur dwar il-preskrizzjoni, huwa prinċipju magħruf li meta tingħata eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, hu meħtieġ li l-Qorti tiddetermina minn meta l-preskrizzjoni applikabbli bdiet għaddejja u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabbilita. (Ara sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' April, 1993, Kollez. Vol. LXXVII.ii.269, fil-kawża fl-ismijiet **Victor Quintano v. Georgina Calleja et.**) Minkejja li ż-żmien għall-preskrizzjoni jibda għaddej minn meta ssir il-ħsara, madankollu, din il-Qorti żżid li huwa

daqstant paċifiku li meta l-ħsara fil-proprjeta` tkun waħda li testendi fuq medda ta' żmien, u ma tkunx waħda istantanja, peress li l-ħsara tkun ġejja bħal f'dan il-każ, minn dħul ta' ilma, il-ħsara u d-danni mġarrba ma jkunux jistgħu jiġu likwidati qabel ma jitwettqu x-xogħlijiet meħtieġa sabiex il-ħsara tieqaf milli tkompli ssir. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Ġunju, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Peter Paul Muscat et v. Peter Muscat Scerri et** u l-ġabra ta' ġurisprudenza in materja.) Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu, 2014, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Bajja Limited v. Inna Korelova:**

> "***...****meta n-natura tal-hsarat tkun li l-istess hsarat ikunu kontinwi, it-terminu relattiv ghal bidu tal-perjodu preskrittiv "ma jibdiex jghaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli issir" (Portelli v. Attard – 20 ta' Marzu 1997). Huwa minnu ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet Joseph Abela v. Francis Cassar deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 2002 gie deciz illi "f'materja ta' perkolazzjoni ta' ilma u umdita` fejn il-hsara timmanifesta ruhha ferm bil-mod ma kienx facli biex wiehed jistabilixxi meta effettivament id-danneggjat setgha japprezza l-gravita` tal-problema u f'kull kaz f'sitwazzjoni bhal din id-decizoni tal-Qorti kellha tiffavorixxi lill-persuna kontra min tkun qeghda tiddekorri l-preskrizzjoni. Dan ukoll bl-applikazzjoni tal-principju contra non valentem non currit prescriptio."*

22. Dan il-prinċipju huwa msejjes fuq il-kunċett ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni peress li kull darba li tissokta l-ħsara fil-proprjeta` tad-danneġġat, id-dannu jibqa' jiġi kkaġunat u l-azzjoni għalhekk tista' tinbeda f'kull mument li jibqa' jiġi kkaġunat id-dannu. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Settembru, 2012, fil-kawża fl-ismijiet **Helen Schembri et v. Anthony George Zahra noe:**

> *"...jezistu sitwazzjonijiet ta' certi impedimenti li jaghmluha impossibli, jew difficli, ghall-ezercizzju tal-azzjoni li tkun, mill-parti. Dan jokkorri, perezempju, meta l-ammont ta' hsara jiehu tul ta' zmien biex jigi determinat, ghax il-"hsara" tirrepeti ruhha kultant zmien. Ma tistax tinbeda kawza biex fiha jintalab kumpens ghal hsarat li ghadhom ma gewx kristalizzati, u l-ebda zmien ta' preskrizzjoni ma jista' jitqies li jghaddi sakemm, fil-fatt, il-hsara tibqa' tiggrava (ara, perezempju, il-kaz Micallef v. Direttur tax-Xoghlijiet, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar 2001). Din il-Qorti, f'sentenza ricensuri moghtija fis-26 ta' Gunju 2009, fil-kawza fl-ismijiet Muscat et v. Muscat Scerri et kienet osservat hekk f'kuntest simili: "………kif qalet ukoll il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Portelli v. Attard, deciza fl-20 ta' Marzu 1997, meta d-danni ma jigux determinati f'mument wiehed, izda jibqghu javveraw ruhhom tul iz-zmien, b'mod li jista' jinghad li l-hsara qeghdha kontinwament issir, kif jidher li qed jigri f'dan il-kaz, it-terminu ta' preskrizzjoni jkun kontinwament qed jigi "interrot", u dan it-terminu ma jibdiex jghaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli ssir."*

23. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, għalkemm f'dan il-każ jirriżulta li l-ewwel sinjali ta' danni mġarrba mill-attur ġew riskontrati madwar sena u nofs qabel ma seħħ l-inċident tad-29 ta' Awwissu, 2015, (ara affidavit tal-attur), il-konvenut m'aċċettax responsabbilta` għall-istess. Sa dak l-istadju l-ħsara kienet limitata għat-tbajja fil-ħajt u għalhekk huwa probabbli li ħadd mill-partijiet ma basar il-gravita` tal-problema, peress li sa dak l-istadju kienet qiegħda sempliċement timmanifesta ruħha l-problema tal-umdita`. Iżda meta far l-ilma u d-dranaġġ minn ġewwa l-ħajt għal ġewwa l-proprjeta` tal-attur, f'Awwissu 2015, kien hemm li nkixfet il-vera problema, tant li ftit jiem wara, l-attur għamel rapport fl-Għassa tal-Pulizija (ara Dok. D a fol. 16 tal-proċess), u qabbad perit sabiex jagħmel rapport dwar il-ħsarat f'Novembru ta' dik l-istess sena (ara Dok. C a fol. 14 tal-proċess).

24. Din il-Qorti tirribadixxi l-prinċipju li l-prova li azzjoni hi preskritta trid issir minn min jagħti l-eċċezzjoni (f'dan il-każ il-konvenuti). L-attur jista' jressaq provi sabiex juri li m'għaddiex iż-żmien, pero` originarjament il-piż tal-prova qiegħed fuq min jallega l-preskrizzjoni. Il-verżjoni tal-attur li wara li seħħet il-perkolazzjoni fid-29 ta' Awwissu, 2015, il-konvenut għaraf il-problema, tant li għamel it-tiswijiet meħtieġa, ftit żmien wara li huwa ġie lura mis-safar, mhix kontradetta mill-konvenuti. Il-perkolazzjoni li seħħet fid-29 ta' Awwissu, 2015, ċertament interrompiet it-terminu tal-preskrizzjoni u għalkemm ma jirriżultax meta eżattament twettqu x-xogħlijiet rimedjali li għamel il-konvenut li permezz tagħhom twaqqfet il-ħsara, hija l-fehma ta' din il-Qorti li hija relevanti ferm il-prova li tressqet da parti tal-attur konsistenti fir-rapport tal-perit inkarigat minnu datat 6 ta' Novembru, 2015, li minnu jirriżulta ċar li l-ħsara fil-fond tal-attur kienet ġejja min-nuqqas fis-sistema tad-dranaġġ fil-fond kontigwu. Kwindi fin-nuqqas ta' ndikazzjoni taż-żmien meta twettqu x-xogħlijiet rimedjali da parti tal-konvenuti, it-terminu preskrittiv kellu jibda jiddekorri mill-ġdid mid-data tar-rapport tal-perit.

25. Isegwi li l-fatt li l-ewwel ittra uffiċjali da parti tal-attur li saret fil-25 ta' Lulju, 2017, minkejja li ġiet notifikata lill-konvenut fl-1 ta' Settembru, 2017, jitqies li din saret fi żmien utli sabiex ġiet interrotta l-preskrizzjoni ta' sentejn. Dan peress li l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Lulju, 2017, bħala att ġudizzjarju intiż li jinterrompi l-preskrizzjoni, kellu jiġi assigurat li dan l-att

jiġi wkoll notifikat lill-persuna kontra min trid tiġi nterrotta l-preskrizzjoni, sa mhux aktar tard minn xahar minn meta tagħlaq il-preskrizzjoni. (Artikolu 2130(1) tal-Kodiċi Ċivili) F'dan il-każ in-notifika li saret fl-1 ta' Settembru, 2017, li huwa ferm qabel m'għalaq it-terminu preskrittiv ta' sentejn li skatta mis-6 ta' Novembru, 2015 (data tar-rapport tal-perit).

26. Jonqos li jiġi trattat il-punt dwar kif jiġi komputat it-terminu preskrittiv ta' sentejn li skatta mill-ġdid mill-25 ta' Lulju, 2017, u dan jingħad referibbilment sa meta ġie ntavolat ir-rikors promotur tas-26 ta' Lulju, 2019. L-attur appellant jinvoka l-applikabbilta` tal-Artikoli 101 u 102 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, sabiex jargumenta li l-azzjoni mressqa minnu saret fi żmien xieraq. Għandu jingħad li għalkemm l-ewwel Qorti ċċitat l-istess provvedimenti tal-liġi, ma jirriżultax li daħlet fil-mertu tal-applikabbilita` tagħhom għall-każ in eżami. Huwa ritenut li ladarba ġie assodat li l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Lulju, 2017, saret fi żmien utli, hija l-fehma ta' din il-Qorti li sa fejn it-terminu legali ta' preskrizzjoni ta' sentejn skatta mill-ġdid mill-imsemmija ġurnata huwa wieħed legali, dik il-ġurnata m'għandhiex tingħadd bħala mdaħħla f'dak iż-żmien, skont il-provvediment tal-Artikolu 102 tal-Kap. 12. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Ġunju, 2004, fil-kawża fl-ismijiet **Atlas Insurance Agency Ltd. *proprio et nomine* v. Sea Malta Company Ltd. et.;** kif ukoll dik tas-16 ta' Diċembru, 2015, fil-

kawża fl-ismijiet **Romina Delicata Mohnani v. Kummissarju tal-Artijiet et**).

27. Isegwi li għandu raġun l-attur appellant meta jingħad minnu li meta l-kawża ġiet intavolata fis-26 ta' Lulju, 2019, din saret proprju fl-aħħar jum li kien jagħlaq it-terminu preskrittiv. Għalhekk dan it-tielet aggravju tal-attur jimmerita li jintlaqa'.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, filwaqt li tilqa' l-appell tal-attur George Baldacchino, tħassar is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Ottubru, 2021, u minflok tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti tal-preskrizzjoni.

Bl-ispejjeż kollha marbuta ma' din l-eċċezzjoni jitħallsu mill-konvenuti.

Tirrinvija l-atti tal-kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, għall-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża, sabiex jiġu determinati t-talbiet attriċi għad-danni skont il-liġi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm